**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 562/2023 JPG**

**Kawza Nru : 28**

**RA**

**u**

**JB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 23 ta' Ottubru 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u disa (2009) liema ċertifikat taż-żwieġ hu hawn anness bħala Dok 'RJ1';*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Katia Farrugia Cachia ta tnax (12) t'Awwisu elfejn u għoxrin (2020) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata sittax (16) ta' Gunju tal-elfejn u għoxrin (2020), liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok 'RJ2';*

*Illi minn dan iż-zwieġ huma għandhom żewġt itfal minuti bl-isem ta' EBA li twieldet f'X u llum għandha X-il sena u BBA li twieled f'Y u llum għandu Y snin;*

*Illi l-manteniment dovut lill-minuri hawn fuq msemmija, dejjem gie rrispettat;*

*Illi kwantu ghall-manteniment lejn xulxin, hadd minnhom ma ghandu dan il-jedd, peress illi l-partijiet kienu gia' irrinunzjaw definittivament għalih fil-kuntratt ta' separazzjoni anness ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mniżżla fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi qegħdin jiġu rrispettati miż-żewġ partijiet;*

*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tal-esponenti, liema affidavits qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok "RJ3" u Dok "RJ4", jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RA xehdet** (vide affidavit fol 26) illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Dicembru 2009, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia datat nhar it-12 ta' Awwissu 2020. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**JB xehed** (vide affidavit fol 27) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-***

***anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Dicembru 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 2224/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar it-12 ta' Awwissu 2020 (Vide fol 5

et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2224/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**